MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 510/2003

**Perfect Screen Printers Limited**

**vs**

**Homeline Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-6 ta' Marzu, 2003 fejn intalab il-hlas ta' mitejn u tletin lira Maltija (Lm230.00), rapprezentanti prezz ta' xoghol ta' "printing" u t-shirts mibjugha u kkonsenjati lis-socjeta` konvenuta li baqghu ma thallsux;**
**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja datata 25 ta' Novembru, 2002, u bl-imghax kummercjali sad-data ta' l-effettiv pagament.**
**Ra r-risposta tas-socjeta` konvenuta prezentata fil-25 ta' Marzu, 2003, fejn intqal:**

**i. illi t-talba attrici hija preskritta a tenur ta' l-artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili;**
**ii. Illi minghajr pregudizzju, kull ammont li jista' jkun dovut ghandu jigi pacut mal-ammont reklamat fil-kontro-talba.**
**Ra l-verbal tas-seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2003, fejn gie eccepit ulterjorament li l-azzjoni hija preskritta a tenur ta' l-Artikolu 2148(b) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Ra l-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta fejn intalab il-hlas ta' mitejn u hamsin lira Maltija jew somma verjuri, relatata ma' ordni ta' "sunscreens" li l-konvenuti ghamlu mas-socjeta` attrici. Din l-ordni thallset izda kien evidenti li dawn is-sunscreens kienu difettuzi jew mhux tal-kwalita pattwita.**

**Ra r-risposta ghall-kontro-talba prezentata fit-23 ta' April, 2003, fejn il-kontro-talba giet kontestata ghas-segwenti ragunijiet:**
**i. It-talbiet imressqa fil-kontro-talba huma preskritti u dana a tenur ta' l-Artikolu 1406 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;**
**ii. Fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ordni in kwistjoni ma sarx mis-socjeta` Homeline Ltd. u ghalhekk din m'ghandha l-ebda interess guridiku fir-rigward tal-kontro-talba;**
**iii. Fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet imressqa fil-kontro-talba huma irritwali stante illi ai termini ta' l-Artikolu 1390 tal-Kodici Civili, ix-xerrej jista' jaghzel jew li jirrifjuta l-haga u jitlob id-danni jew li jaccetta l-haga bi prezz anqas fuq stima ta' periti, madankollu fil-kaz odjern ma gara xejn minn dan;**
**iv. Fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess it-talba mressqa fil-kontro-talba hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante illi mhux minnu illi l-imsemmija sunscreens kienu difettuzi jew mhux tal-kwalita' pattwita.**

**Semgha x-xhieda ta' Frans Xuereb u Raymond Micallef. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esibiti u tac-**

**cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1. Din il-kawza qed issir ghall-hlas ghall-ordni ta' stampar ta' t-shirts ordnat mis-socjeta` konvenuta.**

**2. Il-konvenut qed jeccepixxi l-preskrizzjoni a tenur ta' l-Artikoli 2148 (a) u (b) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, cioe` l-preskrizzjoni ta' tmintax il-xahar.**

**3. Mill-provi jirrizulta li l-invoice numru 1756, Dok.A kien inhareg fil-5 ta' Novembru, 1999, u dana hu konfermat minn Frans Xuereb Mangaing Director tas-socjeta` attrici. Giet prezentata ittra interpellatorja li giet mibghuta lis-socjeta` konvenuta fil-25 ta' Novembru, 2002, pero` ma jirrizultax li intbagh xi att gudizzjarju lis-socjeta` konvenuta kif rikjest mill-Artikolu 2128 tal-Kodici Civli sabiex ikun hemm ksur tal-preskrizzjoni. Lanqas ma jirrizulat li s-socjeta` konvenuta qatt ammettiet li ghandha taghti l-ammont lis-socjeta` attrici. Ghalhekk l-azzjoni hija preskritta a tenur ta' l-artikolu 2148(b) tal-Kap.16 tal-ligijiet ta' Malta.**

**4. Dwar il-kontro-talba jinghad li ma jirrizultax li in-negozju tas-sunscreens sar mas-socjeta` konvenuta izda mas-socjeta` ETV Limited.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mis-socjeta` konvenuta u jiddikjara l-azzjoni preskritta a tenur ta' l-Art.2148(b) tal-Kap.16 u konsegwentement jichad t-talba. Dwar il-kontro-talba ma jirrizultax li s-socjeta` konvenuta ghandha interess guridiku fil-konfront tas-socjeta` attrici u konsegwentement jichad il-kontro-talba.**

**Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, l-ispejjez ta' dina l-istanza, sija tat-talba kif ukoll tal-kontro-talba ghandhom jigu sopportati ugwalment bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------